MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Numru. 1349/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Paul Bond]**

**vs**

**George Grech**

**Kumpilazzoni Numru: 1349/2009**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Grech, bin Joseph u Carmela nee' Azzopardi, imwieled, Malta, fis-6 ta' Ottubru, 1960 u li joqghod fil-fond 74, 'St. Joseph', Flat 1 A, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 0038261M.

Akkuzat talli nhar id-29 ta’ Dicembru, 2009, ghal habta ta’ 12:45pm, waqt li kien fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta kif ukoll gewwa c-centru tas-Sahha tal-Mosta, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PS 820 Jonathan Vella, PC 1582 Mario Spiteri u PC 346 Daniel Micallef, liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qieghdin jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompententi.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, u lok, ikkaguna offiza ta’ natura hafifa salv komplikazzjonijiet fuq il-persuna tal-imsemmi PC 1582 Mario Spiteri u dan skond ma kif iccertifikat it-tabiba Dr.Maria Pisani MD (Reg No No 2752) tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, qal kliem ta’ theddid fil-konfront ta’ l-imsemmija Pulizija u kif ukoll

Talli kiser il-paci pubblika bl-ghajjat, glied jew b’mod iehor, kif ukoll.

Talli qal kliem li kien jikkonsisti f’daghha fahxi u kliem oxxen fil-pubbliku, kif ukoll

Talli fl-istess data, hin, u lok, kien taht l-influwenza ta’ xorb alkoholiku bil-konsegwenza li ma kienx kapaci jiehu kura tieghu nnifsu.

Fl-ahhar nett akkuzat talli nhar it-28 ta’ Dicembru, 2009, ghal habta tas-6:00pm, waqt li kien fil-post maghruf bhala ‘Breadmill’, Mosta Road, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ flixkun JB Whiskey li l-valur tieghu jammonta ghal 17.50 Euro, liema serq hu aggravat bil-hin u dan ghad-dannu ta’ John Muscat minn San Pawl il-Bahar u aktar

Talli fid-29 ta’ Dicembru, 2009 ghal habta ta’ 10:00am, waqt li kien fil-fond ‘Breadmill’, Mosta Road, San Pawl il-Bahar, ikkommeta serq ta’ flixkun JB Whiskey li l-valur tieghu jammonta ghal 9.50 Euro liema serq huwa

aggravat bil-vjolenza u dan ghad-dannu ta' l-imsemmi John Muscat.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli nhar it-30 ta' Dicembru, 2009 ghall-habta tad- 9:30am, waqt li kien quddiem il-Magistrat Dr.Audrey Demicoli LL.D, f'awla numru 9 fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, bil-hsieb li jaghmel hsara lill-Ispettur tal-Pulizija anzjan Paul Bond, akkuzah quddiem l-imsemmija Magistrat li hi awtorita' kompententi, b'reati filwaqt li kien jaf li l-imsemmi Spettur tal-Pulizija huwa innocenti.

U aktar din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex titratta mal l-imsemmi imputat bhala recidiv billi fil-15 ta' Awissu, 2006 u fit-30 ta' Marzu, 2008 kien instab hati ta' delitti b'sentenzi li gew moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat l-artikoli 49, 50, 96, 95, 101(1), 221, 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 338(bb), 338(dd), 338(ee), 338(ff) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li nhar it-28 ta' Ducembru 2009 fil-ghaxija l-imputat mar f'confectionery gestit mill-parte civile John Muscat f'San Pawl il-Bahar u talab flixkun whisky; peress li l-imputat kien fis-sakra (huwa ghandu problema akuta b'l-abbuz ta'l-alkohol) Muscat haseb li kien ikun ahjar li jaqbad u jaghtih il-flixkun. L-ghada fil-ghodu l-imputat rega' mar fil-hanut ta' Muscat; din id-darba kien hemm salesgirl Jacquline Borg. L-imputat rega talab flixkun whisky u sigaretti; l-ewwel Borg gabet il-flixkun whisky, ikkexjatu u l-imputat dahhal il-

flixkun fil-but pero rrifjuta li jhallas ghalih; meta Borg insistiet ghall-flus beda jidghi u jhedded li kien ser ikisser kull m'hemm u wara ftit telaq 'l hemm. Ta' dan it-tieni incident sar rapport lill-pulizija.

Illi aktar tard dak inhar u cioe fid-29 ta' Dicembru 2009 il-pulizija f'l-ghassa tal-Mosta ircevew informazzjoni li kien hemm persuna ma'l-art fit-triq barra li kellha bzonn l-ghajnuna; PS820 Jonathan Vella u PC1582 Mario Spiteri u PC 346 Daniel Micallef marru fuq il-post u sabu lill-imputat; dan kellu bzonn ghajnuna medika ghalhekk ittiehed ic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Hemm huwa beda jhedded lill-pulizija u kien aggressiv maghhom tant li ta daqqa ta' ras lill-PC1582 Mario Spiteri fuq wiccu. Wara li l-imputat irceva l-kura necessarja ttiehed l-ghassa tal-Qawra biex jigi nvestigat ir-rapport tas-serq li kien sar ftit qabel. Tul it-triq l-imputat baqa aggressiv u kompla b'l-insulti u theddied fil-konfront taz-zewg pulizija. Wara l-investigazzjoni da parti ta'l-ufficjal prosekutur fit-30 ta' Dicembru 2009 l-imputat tressaq quddiem il-Magistrat ta'l-ghassa; waqt il-proceduri l-imputat qal kliem dispregjattiv fil-konfront ta' l-ufficjal prosekutur.

Illi l-fatti kif fuq esposti jirrizultaw mill-provi prodotti u ma jidhirx li huma kontestati mill-imputat.

Illi l-ewwel sitt imputazzjonijiet jikkoncernaw it-tieni incident li sehh fid-29 ta' Dicembru 2009 u cioe meta l-imputat instab mitluq barra u intervjenew il-pulizija. Mill-provi prodotti dawn is-sitt imputazzjonijiet jirrizultaw ampjament.

Illi s-seba imputazzjoni tirreferi ghall-ewwel episodju li gara f'l-istabbiliment ta' John Muscat; l-imputazzjoni hija ta' serq aggravat bil-hin. Pero mid-depozizzjoni ta' John Muscat jirrizulta f'din l-okkazzjoni huwa ta l-flixkun whisky lill-imputat volontarjament u ma talbux flus tieghu. Ghalhekk din is-seba' imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Illi t-tmien imputazzjoni tirreferi ghat-tieni episodju li gara l-istabbiliment ta' John Muscat u meta prezenti kien hemm is-salesgirl Jacqueline Borg; l-imputazzjoni hawn hija ta'

serq aggravat bi b’vjolenza. Mid-depozizzjoni ta’ Borg jirrizzulta li l-imputat ha l-flixkun tal-whisky minghajr ma hallas ghalih minkejja li gie mitlub ihallas u jirrizulta ukoll li waqt dan l-episodju l-imputat qal kliem ta’ theddied. Ghalhekk din l-imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Illi d-disa’imputazzjoni hija dik komunement maghrufa bhala kalunja, fil-konfront ta’ l-ufficjal prosekutur, u din b’referenza ghall-kliem li qal l-imputat f’l-awla tal-Qorti fit-30 ta’ Dicembru 2009. Mid-depozizzjoni ta’l-Ispettur u PS820 Jonathan Vella jirrizulta li l-imputat qal xi kliem dispreggjativ fil-konfront ta’ l-istess Spettur pero l-Qorti hija tal-fehma ma gewx pruvati l-elementi kollha tar-reat in ezami sal-grad rikjest mill-Ligi liema reat ghalhekk ma giex sodisfacjentement pruvat.

Illi l-ghaxar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik tar-recidiva; mis-sentenzi esebieti din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu li hija refrettarja ghall-ahhar u hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat ghandu problema akuta b’l-abbuz ta’ l-alkohol.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tas-seba’ u d-disa’ imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 49, 50, 96, 95, 221, 261(a), 262(1)(a), 338(bb), 338(dd), 338(ee), 338(ff) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija. Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja biex jikkumbatti l-problema ta’ l-alkol inkluz li jsegwi xi programm ta’ riabilitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------